MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## S.T.O. PRIM IMHALLEF

## SILVIO CAMILLERI

## ONOR. IMHALLEF

## TONIO MALLIA

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tat-30 ta' Mejju, 2014

Appell Civili Numru. 1170/1995/1

**Raymond Barbara**

**v.**

**Sammy Meilaq, Alfred Micallef, Paul Attard, Vincent Azzopardi, Gaston Debono Grech, Lino Gatt, Charles Meilaq u Joseph Saliba ilkoll**

**f'isimhom personalment, u Sammy Meilaq bhala Chairman tal-Kunsill ta' Malta Drydocks ghan-nom u in rapprezentanza tal-Malta Drydocks; u b'digriet tas-7 ta' Mejju 1997, Professur Noel Zarb Adami assuma l-atti tal-kawza minflok Sammy Meilaq; u b'digriet tat-2 ta' Ottubru 2008, Saviour Gauci f'isem il-Gvern ta' Malta assuma l-atti minflok Malta Drydocks ghall-finijiet tal-Artikolu 3(2) tal-Kapitolu 466 tal-Ligijiet ta' Malta u b'digriet tal-31 ta' Jannar 2011 Joseph Crocker f'isem il-Gvern bhala successur tal-Malta Drydocks assuma l-atti tal-kawza minflok Saviour Gauci u b'digriet tal-4 ta' Marzu 2014 Claude Cuschieri assuma l-atti tal-kawza minflok Joseph Crocker f'isem il-Gvern bhala successur tal-Malta Drydocks**

**Il-Qorti:**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentata mill-attur fejn jghid:

"Premess illi fl-4 ta' Ottubru 1993, ghal hin tas-siegha ta' filghodu l-attur waqt il-qadi ta' dmirijietu bhala haddiem fil-Malta Drydocks waqa' l-gholi ta' hames sulari u garrab feriti ta' natura gravi;

"Premess illi l-konvenuti Sammy Meilaq, Alfred Micallef, Paul Attard, Vincent Azzopardi, Gaston Debono Grech, Lino Gatt, Charles Meilaq u Joseph Saliba, kienu membri tal-Kunsill tal-Malta Drydocks fiz-zmien li gara l-incident hawn fuq imsemmi;

"Premess illi l-istess incident sehh unikament minhabba negligenza u n-nuqqas ta' tehid tal-prekawzjonijiet rikjesti da parti tal-konvenuti jew min minnhom;

"U premess illi l-attur sofra d-danni b'rizultat tal-istess incident, komprizi d-danni naxxenti minn debilita` fizika permanenti li giet kawzata b'konsegwenza tal-feriti li garrab l-attur;

"Jghidu ghalhekk il-konvenuti ghaliex m'ghandhiex din il-Qorti:

"1. Tiddikjara u tiddeciedi li l-istess konvenuti, jew min minnhom, huma responsabbli ghall-incident li ghalih qed issir referenza hawn fuq;

"2. Tilllikwida d-danni li sofra l-attur b'rizultat ta' l-incident riferit; u

"3. Tordna lill-konvenuti jew min minnhom ihallsu lill-attur id-danni li jigu likwidati;

"Bl-ispejjez u bl-interessi legali kontra l-konvenuti li huma ngunti in subizzjoni."

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-korporazzjoni konvenuta illi:

"... ... biha laqgħu għall-azzjoni attriċi billi, b'mod preliminari qalu li safejn l-attur ħarrikhom fil-kwalita' tagħhom personali, m'għandhom l-ebda rabta mal-attur, m'humiex il-kontraditturi leġittimi tal-pretensjonijiet tiegħu u għalhekk imisshom jinħarġu mill-kawża bl-ispejjeż kontra l-attur. Fil-mertu, laqgħu billi ċaħdu li huma b'xi mod responsabbli għal dak li seħħ billi la huma u lanqas il-kumpannija mħarrka ma kienu jaħtu għall-ebda traskuraġni, imperizja jew negliġenza li jwassluhom biex iwieġbu għall-pretensjonijiet tal-attur, u dan billi l-korporazzjoni qabbdet nies ta' ħila biex jieħdu l-prekawzjonijiet kollha meħtieġa ħalli jitwettaq ix-xogħol meħtieġ u kif ukoll billi tat lill-ħaddiema l-faċilitajiet u l-għodod xierqa, u għalhekk, jekk kemm-il darba kien hemm tassew xi nuqqas, dan ma jweġbux għalih huma imma min jista' jirriżulta li kien negliġenti;"

Rat l-atti tal-kawza fosthom l-affidavits u depozizzjonijiet;

Rat is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili moghtija fis-16 ta' Novembru 2010 li permezz taghha laqghet it-talbiet tal-attur u ordnat lill-korporazzjoni konvenuta biex thallas is-somma ta' mitt elef, disa' mija sebgha u disghin Euro (€100,997) lill-istess attur bl-ispejjez kontra l-korporazzjoni konvenuta;

Rat ir-rikors tal-attur appellant li permezz tieghu jitlob bir-rispett:

> "... ... illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha tvarja u tirriforma l-istess sentenza billi filwaqt illi tikkonfermaha inkwantu sabet li l-imharkin nomine kienu responsabbli ghall-incident li sehh fl-4 ta' Ottubru 1993 kif ukoll inkwantu helset lill-imharkin fil-kwalita` personali taghhom mill-harsien tal-gudizzju, tirrevokaha inkwantu illikwidat id-danni sofferti mill-esponent fl-ammont komplessiv ta' mija u erbghin elf, disa' mija u erba' u hamsin Euro u hamsin centezmu (€140,954.50) u kkundannat lill-imharkin nomine biex ihalsu s-somma ta' mitt elf, disa' mija u seba' u sebghin Euro (€100,977), billi minflok joghgobha tillikwida quantum ta' danni li ghar-ragunijiet suesposti jkun superjuri u aktar xieraq fic-cirkostanzi tal-kaz u tordna lill-imharkin nomine biex ihalsu d-danni li jigu hekk likwidati, bl-ispejjez kontra l-imharkin nomine."

Rat ir-risposta tal-korporazzjoni konvenuta li permezz taghha, wara li rrespingiet il-kontenut tar-rikors tal-appell, ipproponiet appell incidentali u allura talbet li din il-Qorti thassar u tirrevoka s-sentenza msemmija u minflok tilqa' l-eccezzjonijiet taghha u tichad it-talba tal-attur appellant bl-ispejjez kontra tieghu;

Rat ir-risposta tal-appellant li permezz taghha ssottometta illi l-appell incidentali kellu jigi michud;

L-ewwel Qorti waslet ghad-decizjoni taghha b'dan il-mod:

"Illi din hija azzjoni għal danni minħabba korriment waqt ix-xogħol. L-attur kien jaħdem bħala *stager slinger* mal-kumpannija mħarrka (minn issa 'l quddiem imsejħa "MDD") u fl-4 ta' Ottubru, 1993, kien imissu jaħdem ix-xift ta' billejl f'waħda mill-istivi ta' bastiment li kien iddaħħal għal xogħol estensiv f'wieħed mill-baċiri tat-Tarzna. F'ħin minnhom, l-armar li kien bilwieqfa fuqu ġġarraf bih u l-attur waqa' għal isfel m'ogħla ħames sulari u ġie f'qiegħ l-istiva. Ġarrab ġrieħi gravi li minnhom baqa' ma fieqx u lanqas biss seta' jimxi aktar. Huwa jgħid li għal dak li ġara jaħtu kemm MDD u kif wkoll l-imħarrkin l-oħrajn bħala Kunsill tat-Tmexxija tat-Tarzna għaliex jgħid li l-inċident ġara bi ħtija tagħhom billi kien hemm nuqqasijiet fis-sistema li jħares lill-ħaddiema mill-korriment li tiegħu huma għandhom ir-responsabbilta'. Huwa jrid li l-imħarrkin jagħmlu tajjeb għad-danni li ġarrab;

"Illi l-imħarrkin jilqgħu għall-azzjoni billi jgħidu li, fil-kwalita' tagħhom personali bħala membri tal-Kunsill, ma messhomx tħarrku għaliex legalment m'għandhom l-ebda rabta mal-attur u jitolbu li jinħelsu milli jibqgħu fil-kawża. Fil-mertu, jilqgħu billi jgħidu li huma bl-ebda mod ma jaħtu għal dak li ġralu l-attur. L-imħarrka MDD tilqa' billi tgħid li hija ma taħti xejn għal dak li ġralu l-attur għaliex hija qabbdet nies ta' ħila biex jagħmlu x-xogħol mitlub u li dawn kellhom jieħdu huma l-prekawzjonijiet meħtieġa biex jitwettaq sewwa x-xogħol mogħti bla periklu. Tgħid li hija tat lill-ħaddiema għodda u tagħmir tajjeb biex jaħdmu u ma naqset bl-ebda mod mid-dmirijiet tagħha fil-liġi, u jekk kemm-il darba kien hemm xi nuqqas, dan imissu jwieġeb għalih direttament min sejjer jirriżulta li kien jaħti għal nuqqas bħal dak;

"Illi mill-<u>fatti li joħorġu mill-atti tal-kawża</u> jirriżulta li l-attur kien daħal jaħdem ma' MDD f'Marzu tal-1987 bħala ħaddiem każwali[1], u kien ħadem f'bosta xogħlijiet, fosthom bħala *slater/slinger* sa mill-1990, f'liema sena beda jaħdem ma' MDD bħala impjegat uffiċjalment. Fl-4 ta' Ottubru, 1993, kien jagħmel parti minn gajj

[1] Xhieda ta' Alfred Mifsud 12.7.2000, f'paġ. 412 tal-proċess

ta' ħaddiema fuq ix-xift ta' billejl fuq il-bastiment "*Lobo Elif*". Dak il-ħin, kien qiegħed jarma tavlar ma' pont fuq ġenb ġewwieni ta' waħda mill-istivi tal-imsemmi vapur (stiva numru tmienja). Miegħu kien hemm *slinger* ieħor jismu Charles Aquilina. Għall-ħabta tas-1.15 ta' filgħodu, waqt li l-attur kien qiegħed jifrex il-fallakki biex iqegħidhom fuq l-armar li kien hemm bejn il-fdewwex ġol-istiva, waħda mill-*angles* jew *brackets* li kienu maħsuba li jżommu t-tavlar tqaċċtet u waqgħet 'l isfel u ġibdet it-tavlun u lill-attur magħha[2]. Biċċa mill-irbit tal-*angle* (magħruf bħala 'l-arma' jew 'l-ilsien') baqa' mwaħħal fil-ħolqa. L-attur waqa' m'ogħla ħames sulari u spiċċa minxur f'qiegħ l-istiva. Mal-waqgħa, l-attur ġarrab ġrieħi f'sidru, f'żaqqu u fix-xewka ta' dahru. Ittieħed l-isptar u nżamm għal tnax-il jum fit-taqsima tal-Kura Intensiva u għal bosta xhur oħra f'taqsimiet differenti fl-Isptar (ukoll għal xi żmien fi sptar fir-Renju Unit għall-fiżjoterapija), iżda b'riħet il-waqgħa, baqa' parapleġiku[3]. Minkejja l-kura li ngħata ma setax jimxi aktar u lanqas joqgħod wieqaf fuq riġlejh. Lanqas ma raġa' daħal qatt aktar lura għax-xogħol. Dak inhar tal-inċident, l-attur kellu sitta u tletin (36) sena;

"Illi s-sistema tal-armar li kien qiegħed jitħaddem fuq dak il-bastiment tfisser[4] bħala wieħed tal-għamla fejn ħoloq jew imqabad (*lugs*) tal-azzar jiġu saldjati (*welded*) mal-ġnub ġewwiena tal-istiva u ġo fihom jiddaħħlu bħal *angles*[5] jew *brackets* tal-azzar (*structured steel*)[6] li fuq id-driegħ tagħhom jitqiegħdu t-tavluni li jintramaw f'saffi paralleli mimduda mal-ġnub tal-istess stiva biex ikun jista' jsir ix-xogħol meħtieġ mal-uċuh tagħha[7]. Dan il-*bracket* huwa magħmul minn żewġ partijiet ta' azzar (*extruded bar*): waħda oriżżontali ta' ftit aktar minn metru tul li fit-tarf tagħha kien hemm imwaħħal *angle iron bracket* (l-"ilsien" fuq imsemmi) li jkun saldjat magħha biex ikun jista' jidħol fil-maqbad; u l-oħra djagonali (imsejħa "s-sieq"), li tintrabat mal-oriżżontali b'vit b'ras u kamin (*bolt*) u bi *stopper* issaldjati sabiex tirfed ukoll il-parti oriżżonatali biex iżżid is-saħħa tagħha u li fit-tarf tagħha jkollha bħal sieq jew pjanċa żgħira li żżomm mal-wiċċ tal-istiva[8]. Meta tkun se' tittella' xi pjanċa jew parapett[9] (*bulkhead*) tal-istiva, dak l-armar, magħduda l-*angles*, suppost li jinqalgħu (jiżżarmaw) u mbagħad jerġgħu jitwaħħlu ġol-imqabad meta tkun ittellgħat il-pjanċa[10]. Kienet ingħatat direttiva lill-*foremen* u liċ-*chargemen* biex jassikuraw li dan kien tassew isir[11]. Fil-każ tal-bastiment in kwestjoni, l-pjanċi kienu bi fdewwx għat-tul (l-għoli tal-pjanċa) kull tant bogħod minn xulxin[12]. Dak is-sistema kien wieħed li ma kienx ilu jintuża fit-

---

2 Xhieda tal-attur 11.3.1996, f'paġġ. 20 – 1 tal-proċess
3 Dok "JS1", f'paġġ. 248 – 9 tal-proċess
4 Xhieda ta' Vincent Micallef 10.7.2001, f'paġġ. 429 – 430 tal-proċess
5 Ara xbiha ta' wieħed minnhom f'Dokti "CCX" u "CCY" f'paġġ. 404 – 5 tal-proċess
6 Ara x-xhieda tal-espert tekniku Dr Martin Muscat 17.5.2007, f'paġ. 529 tal-proċess
7 Ara dokti "JS2", "JS3", "JS4" u "CC2", f'paġġ. 250 – 2 u 338 tal-proċess
8 Ara xbiha 1 fir-relazzjoni peritali f'paġ. 510 tal-proċess
9 Il-kelma teknika fil-qasam nawtiku hija "*paratija*" (ara Aquilina English-Maltese Dictionary, Vol I, paġ. 336)
10 Xhieda ta' Joseph Cauchi 24.3.1997, f'paġ. 284 tal-proċess
11 *Ibid.* f'paġġ. 301 – 2 tal-proċess
12 Ara d-Dokti "CC10" sa "CC12", f'paġġ. 357 – 9 tal-proċess

tarzna, u mal-*Lobo Elif* kien qiegħed jiżżanżan l-ewwel darba[13], għalkemm ix-xogħol fuq dak il-bastiment kien ilu għaddej bosta ġimgħat qabel dak inhar li korra l-attur[14]. Wara l-inċident, kien sar test ġenerali fuq il-*brackets*, imma s-sistema baqa' jintuża fuq bastimenti oħrajn għal żmien wara[15];

"Illi l-imsemmija *angles* kienu jinħadmu fil-fabbrika tat-tarzna stess minn vireg tal-azzar li jinxtraw minn barra, jinqatgħu għall-qisien mixtieqa u mbagħad isirilhom ix-xogħol ta' tgħaqqid tal-partijiet flimkien u l-issaldjar tal-*angle iron bracket*[16];

"Illi wara l-inċident, l-attur ingħata l-paga sħiħa sakemm intemm l-impieg tiegħu wara li bord intern wasal għall-fehma li huwa ma setax jerġa' lura għax-xogħol, u f'Jannar tal-1996 kien *boarded out* għal raġunijiet mediċi[17];

"Illi l-kawża nfetħet f'Awissu tal-1995. F'Diċembru tal-1997, l-attur ingħata s-somma ta' sbatax-il elf mija u tlieta u ħamsin lira Maltin u sitta u sebgħin ċenteżmu (Lm 17,153.76)[18] taħt l-iskema tal-*Personal Accident*. Il-ħlas taħt din il-polza jsir lil hinn mill-kwestjoni tal-ħtija ta' MDD jew tal-impjegat għall-inċident, u b'din il-fehma sar ukoll f'dan il-każ[19]. Minbarra dan, MDD qatgħetha li, minħabba li l-attur ma kienx intitolat għal pensjoni ogħla mill-Gvern minħabba ż-żmien qasir li laħaq ħadem qabel korra, tagħtih pensjoni *ex gratia* ta' tletin lira Maltin (Lm 30)[20] kull ġimgħa;

"Illi l-<u>konsiderazzjonijiet ta' natura legali</u> f'dan il-każ jirrigwardaw b'mod ewlieni l-aspett dwar ir-responsabbilta' għal dak li ġara. F'din il-kawża, l-kwestjoni tar-responsabbilta' tkebbset ukoll bil-fatt li l-partijiet ma qablux dwar il-kawża għall-waqgħa tal-attur mill-għoli. Tajjeb jingħad ukoll li l-imħarrkin ma jallegawx li l-attur kien jaħti jew li ikkontribwixxa għal dak li ġara, imma jsejsu d-difiża tagħhom fuq il-fatt li jew huma ma kinux bl-ebda mod marbutin b'relazzjoni mal-attur (fil-każ tal-imħarrkin *proprio*), jew (fil-każ ta' MDD) li twettqu d-dmirijiet kollha mistennija fil-liġi u li dak li ġara jew ma setax jinbasar (l-eċċezzjoni tal-imprevedibilita' tal-ġrajja) jew, jekk kien hemm xi nuqqas, dan imissu jwieġeb għalih min jaħti għal dak in-nuqqas;

---

[13] Xhieda ta' Charles Aquilina 11.3.1996, Joseph Baldacchino 11.3.1996, Charles Calamatta 29.4.1996, Grezzju Żammit 24.5.1996, Joseph Cauchi 24.3.1997 u Joseph Dalli 24.3.1997, f'paġġ. 35, 40, 43, 52, 85, 114, 296 – 7u 331 tal-proċess
[14] Xhieda ta' Joseph Ċilia 29.4.1996 f'paġ. 77 tal-proċess
[15] Xhieda ta' Francis Camilleri 17.6.1996 u Joseph Saliba 29.1.1997, f'paġġ. 187u 261 tal-proċess
[16] Xhieda ta' Charles Calamatta 29.4.1996 u 21.5.1997, f'paġġ. 85, 92 u 366 tal-proċess
[17] Dok "FF", f'paġ. 478 tal-proċess
[18] Li jġibu € 39,957.51fi flus tal-lum
[19] Xhieda ta' Lawrence Bilocca 30.1.2002, f'paġ. 467 tal-proċess
[20] Li jġibu € 69.88 fi flus tal-lum

"Illi l-Qorti sejra l-ewwel tqis il-**kwestjoni ta' min jaħti għall-inċident li ġarrab l-attur**. Huwa magħruf li fil-qasam ta' responsabbilta' dwar korriment li jseħħ fuq il-post tax-xogħol waqt il-qadi ta' dmirijiet tal-persuna li tkun, jgħoddu regoli speċjali dwar dak li jseħħ meta ħaddiem jew terza persuna ġġarrab inċident bħal dak. Bit-tħaddim tar-regoli ġenerali tal-liġi dwar ir-responsabbilta' għal dak li wieħed irid iwieġeb għalih minħabba xi għamil jew nuqqas tiegħu, is-sejbien ta' ħtija għal inċident bħal dak jgħabbi lil min ikun qabbad lill-ħaddiem jew lit-terz li jkun, sakemm ma jintweriex li dak il-ħaddiem naqas li joqgħod għall-istruzzjonijiet jew għall-prekawzjonijiet li l-imgħallem tiegħu jkun widdbu bihom jew ipprovdielu, jew sakemm ma jintweriex li l-ħaddiem, bi traskuraġni jew b'rieda, ikun hu nnifsu ġab l-effetti tal-inċident b'idejh;

"Illi b'żieda ma' dan, hija regola oħra ewlenija f'dan il-qasam, li l-imgħallem irid jiżgura li jipprovdi lill-ħaddiema tiegħu b'sistema xieraq ta' ħarsien minn kull periklu (dak li bosta jsejħulu "*a safe system of work*") fejn ikun sejjer isir ix-xogħol minnu mitlub. Fid-dritt, dan id-dmir iġorr miegħu grad għoli ta' responsabbilta' fuq l-imgħallem, u jaqa' fuqu l-piż li jipprova li inċident ikun seħħ minkejja li jkun ħares dak kollu li l-liġi tistenna minnu f'dan ir-rigward. Huwa wkoll dmir li jitfa' fuq min iħaddem il-piż li jieħu miżuri preskritti xierqa[21] u jġib miegħu wkoll id-dmir tal-għoti ta' tagħrif meħtieġ, l-għoti ta' tagħlim u taħriġ u kif ukoll superviżjoni biex titħares is-saħħa u s-sigurta' tal-ħaddiem[22];

"Illi jrid jingħad ukoll li l-imsemmi grad għoli ta' responsabilta' fuq min iħaddem ma jeħlisx lil min jaħdem mill-obbligu li jħares is-saħħa u s-sigurta' tiegħu nnifsu u ta' dawk kollha li jistgħu jintlaqtu mix-xogħol li jkun qiegħed iwettaq[23], u b'mod partikolari, għandu jimxi id f'id ma' min ikun qiegħed iħaddmu safejn jidħlu l-obbligi li l-liġi tqiegħed fuq spallejn l-imgħallem u l-awtoritajiet kompetenti[24] u għandu jżomm lura milli jqiegħed lilu nnifsu f'sitwazzjoni li tesponih għar-riskju bla bżonn u li joqgħod f'kull ħin attent għal dak li jkun qiegħed jagħmel[25];

"Illi biex isir stħarriġ xieraq tad-dinamika dwar kif ikun seħħ inċident, jeħtieġ li l-Qorti tqis l-"ambjent kollu tal-post tax-xogħol"[26], jiġifieri mhux biss tal-makkinarju jew l-impjant li fuqu jew bih ikun qiegħed jitwettaq ix-xogħol

[21] Art. 6(2) tal-Kap 424
[22] Art. 6(3) tal-Kap 424
[23] Art. 7(1) tal-Kap 424
[24] Art. 7(2) tal-Kap 424
[25] P.A. RCP **30.10.2008** fil-kawża fl-ismijiet ***Richard Farruġia vs Elbros Construction Ltd.***
[26] App. Ċiv. **14.5.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Christian Buġeja vs Dr. Gerald Montanaro Gauċi noe***

magħżul, imma saħansitra l-mod kif ikun qed jitwettaq ix-xogħol u l-ambjent li fih il-ħaddiem involut ikun tqiegħed jaħdem mill-imgħallem tiegħu;

"Illi waqt it-trattazzjoni tal-għeluq, l-għaref difensur tal-imħarrkin ressaq l-argument li meta l-Qorti tgħaddi biex tqis il-kwestjoni tar-responsabbilta' u tkejjilha mal-fatti li joħorġu, trid tapplika l-liġi li kienet fis-seħħ meta ġara l-każ[27]. Ladarba l-inċident ġara f'Ottubru tal-1993, huwa jgħid li l-Qorti trid tqis il-liġi li kienet fis-seħħ fir-rigward, jiġifieri l-Ordinanza dwar il-Fabbriki[28], u b'mod partikolari d-dispożizzjonijiet tar-Regolamenti tal-1986[29]. F'dan ir-rigward, il-Qorti tinnota li għalkemm l-imsemmija Regolamenti nħarġu taħt liġi li llum m'għadhiex fis-seħħ, dawn l-istess Regolamenti għadhom fis-seħħ sewwa sew taħt is-setgħat tal-liġi li llum tirregola s-saħħa u s-sigurta' fuq il-post tax-xogħol (Kapitolu 424 tal-Liġijiet ta' Malta)[30]. Ladarba dan huwa l-każ, sakemm l-imħarrkin m'humiex qegħdin jargumentaw li l-liġi applikabbli fiż-żmien li seħħ l-inċident kienu anqas rigorużi f'dak li jirrigwarda r-responsabbilta' tal-prinċipal għal inċident li jiġri waqt ħin ix-xogħol minn dik li tgħodd illum, ftit li xejn tagħmel differenza li l-Qorti tqis liġi u mhux oħra;

"Illi fil-każ li għandha quddiemha l-Qorti llum, ma hemm l-ebda dubju li l-attur kien qiegħed jaħdem f'ambjent miżgħud b'element qawwi ta' riskju dwar korriment. Min-natura tiegħu, x-xogħol fit-tarzna huwa xogħol li jġib lill-ħaddiem wiċċ imb'wiċċ ma' sitwazzjonijiet li fihom jista' jkorri. Il-ġrajja juru li l-inċident tal-attur ma kienx wieħed iżolat[31] u MDD innifisha kienet ħarġet polza biex tagħmel tajjeb għall-korrimenti li l-impjegati tagħha setgħu ġarrbu waqt il-qadi ta' ħidmiethom. Din il-qagħda kienet titfa' fuq MDD l-piż li tagħmel kulma tista' biex tara li l-ħaddiema tagħha jitħarsu mill-periklu u jidher li dan kien proċess li MDD innifisha kienet twettaq, imqar bit-twaqqif ta' dipartiment li kien maħsub li jiffoka fuq is-saħħa u s-sigurta' tal-ħaddiema fuq il-post tax-xogħol tagħhom. Fil-fehma tal-Qorti, dan l-għarfien kollu kien jitfa' fuq MDD grad ogħla ta' attenzjoni biex il-periklu li dejjem ikun wara l-kantuniera jitbiegħed kemm jista' u ma jseħħx;

"Illi f'ambjent bħal tat-tarznari, mbagħad, fejn bosta jkunu l-ħaddiema li jmisshom jaħdmu fuq l-istess bastiment imma b'xogħlijiet u snajja' differenti, u bi tqassim ta' ħinijiet li jsir b'xiftijiet bla ma x-xogħol jitwaqqaf (ħafna drabi kien meħtieġ li x-xogħol ma jiddewwimx u jintemm fil-ħin minħabba konsegwenzi kuntrattwali), jiżdied element ieħor ta' riskju għoli. Dan huwa l-element tal-

[27] Nota ta' riferenzi, f'paġ 565 tal-proċess
[28] Kap 107 (imħassra bl-Att VII tal-1994)
[29] A.L. 52 tal-1986
[30] L.S. 424.09
[31] Xhieda ta' Lino Gatt 17.6.1996, f'paġ. 178 tal-proċess

*handover* u tal-identifikazzjoni ta' min ikun ħadem liema xogħol u x'ħalla għal dawk li deħlin ikomplu jaħdmu warajh;

"Illi mill-għadd ta' xhud li tressqu mill-partijiet ħarġet nisġa li lil din il-Qorti ma ħassbithiex bi ftit. Dan qiegħed jingħad għaliex il-mod kif ħarġu l-fatti ta' kif seħħ l-inċident li fih indarab l-attur u kif ukoll x'ġara sewwasew qabel u wara dak l-inċident iħalli wisq lok għal inċertezzi u jnissel atmosfera fejn jinħolqu aktar mistoqsijiet milli jingħataw tweġibiet. Il-Qorti tifhem li dan jista' jkun ġej mill-fatt tas-sistema tax-xogħol li kien jitħaddem, kif fuq imsemmi, aktar milli mill-fatt li jkun għadda ż-żmien minn meta sar l-inċident u tibda tiċċajpar il-memorja ta' dawk li kienu mdaħħlin fil-ġrajja. Iżda huwa fatt li, minkejja li bosta xhud semmew sistemi ta' dokumentazzjoni u pratiki ta' *handover* tax-xogħol bejn xift ta' ħaddiema u ieħor, din id-dokumentazzjoni ma tressqitx għall-iskrutinju tal-Qorti. Għall-kuntrarju, jekk din id-dokumentazzjoni kienet isir, saż-żmien li kienu qegħdin jitressqu l-provi f'din il-kawża, dak it-tagħrif żvinta jew ħadd ma kellu l-ħila jgħid fejn kien jinżamm jew mingħand min seta' jinkiseb. Minbarra dan, jirriżulta[32] li fiż-żmien li ġara l-każ, il-kariga ta' *Laboratory & Safety Manager* fl-MDD kienet battala, u dak li nħatar warajh – l-imħarrek Joseph Saliba – nħatar dik is-sena stess wara li kien seħħ l-inċident u ngħata l-kariga b'lura[33];

"Illi l-Qorti tqis li kien element ta' prattika tajba ta' monitoraġġ u ħarsien aħjar (imqar għall-ġejjieni) li ma jkunx hemm ripetizzjoni ta' inċidenti u żbalji, li MDD messha kienet iżjed rigoruża dwar iż-żamma ta' din id-dokumentazzjoni. Jiżdied jingħad ukoll li din iż-żamma dokumentali kienet iżjed meħtieġa bħala prova li l-affarijiet kienu jsiru b'ħarsien tas-saħħa tal-ħaddiema, meta wieħed iqis li l-ambjent tat-Tarzna huwa wieħed fejn il-periklu jinsab dejjem wara l-kantuniera u fejn, allura, l-grad mistenni ta' attenzjoni jmissu jkun ogħla. F'dan ir-rigward, il-Qorti tqis li dan in-nuqqas ma jmissux jitgħabba bih min ikun ġarrab l-inċident imma min kien fid-dmir li jiskansah minnu, l-iżjed fejn MDD issejjes waħda mid-difiżi tagħha fuq is-sehem ta' terzi f'dak li jkun ġara;

"Illi m'huwiex kontestat li l-attur waqa' għaliex tqaċċtet il-*bracket* li medd passietu fuqha. L-attur jimplika li l-*bracket* tqacctet għaliex kienet difettuża u, billi din kienet inħadmet fit-tarzna stess, jiġi li l-ħtija hija tat-tarzna. Saħansitra ressaq xhud[34] biex jgħid kif hu kien seħħlu jqaċċat *bracket* b'idejh billi jheżhiżha darbtejn u kif dik li rifes fuqha l-attur kienet marret, mhux mill-parti saldjata, imma mill-għafsa li kellha kif kienet ġiet minn barra. MDD tiċħad dan, u tgħid li l-

[32] Xhieda ta' Joseph Saliba 29.1.1997, f'paġ. 257 tal-proċess
[33] *Ibid.* f'paġ. 264 tal-proċess
[34] Xhieda ta' Lawrence Refalo 26.10.1996, f'paġġ. 240 – 3 tal-proċess

*bracket* ma ċedietx minħabba dgħufija tagħha f'dak li għandu x'jaqsam mal-piż li tqiegħed fuqha, iżda minħabba li kienet iddgħajfet b'xi ħaġa li ġralha qabel rifes fuqha l-attur. MDD ma kinitx f'qagħda li tgħid bi preċiżjoni x'kienet din ix-"xi ħaġa", u x-xhieda jimplikaw li l-*bracket* qalgħet daqqa b'xi ħaġa jew inġibdet b'qawwa minn xi ħaġa meta kienet imwaħħla mal-maqbad tagħha[35]. Mir-riżultanzi fattwali pożitivi, l-Qorti ssib li l-*bracket* ma tqaċċtitx mill-parti li kienet saldjata, imma mill-parti tal-azzar li minnu kienet magħmula. Kemm hu hekk, l-ilsien li kien jidħol ġol-maqbad instab f'postu minkejja li l-*bracket* waqgħet (u nstabet) fl-istiva[36]. Din hija wkoll kostatazzjoni fattwali magħmula mill-perit tekniku[37], li warrab għal kollox il-fehma li l-*bracket* setgħet waqgħet minħabba l-piż li tqiegħed fuqha jew li ma kinitx tiflaħ xi piż li kienet suġġetta għalih, sakemm il-materjal innifsu ma jirriżultax li ġarrab ħsara qabel seħħ l-inċident[38];

"Illi tressqet xhieda li turi li l-*brackets* kien sarilhom *test* (għallanqas fuq kampjun minnhom) għas-saħħa tal-irfigħ, qabel ma kienu bdew jintużaw u wara li kienu nbnew fil-fabbrika tat-tarzna[39]. Daqstant ieħor tressqet xhieda li turi li, minnufih wara l-inċident tal-attur, reġa' sar test ieħor fuq il-*brackets* kollha, saħansitra dawk li kienu diġa' ntramaw u li nqalgħu kollha[40]. Dan it-tieni test sar kemm abbord il-bastiment[41] (bis-sistema magħruf bħala "NDT" jew "*non-destructive testing*") u kif ukoll fil-laboratorju fit-tarzna stess. L-attur jisħaq fuq l-aspett li t-test sar wara l-inċident tiegħu biex juri li MDD kienet naqset li, preventivament, tara li tħaddem armar li kien magħruf li jiflaħ għall-għanijiet meħtieġa. Jimplika wkoll li dan l-aċċertament ta' massa sar biex jirrimedja b'xi mod għan-nuqqas ta' qabel u biex jiġġustifika għaliex dik is-sura ta' armar bdiet tintuża minflok is-sistema li kien jintuża għal bosta snin qabel. Mhux hekk biss, iżda fin-Nota ta' Sottomissjonijiet[42] tiegħu, l-attur jimplika li t-tarzna bdiet hija stess tagħmel il-*brackets* il-"ġodda" biex tiffranka fl-infieq minħabba li dawk li kienu jintużaw qabel kienu qegħdin jiswewlha ħafna aktar biex tixtrihom lesti minn barra[43];

"Illi fil-fehma ta' din il-Qorti, fl-ewwel lok, dawn iċ-ċirkostanzi kollha juru li l-attur bl-ebda mod ma kien jaħti għal dak li ġaralu, u wieħed jista' jgħid li kien b'kumbinazzjoni li nzerta sewwasew il-persuna li medd riġlu fuq dak il-*bracket*

[35] Xhieda ta' Charles Calamatta 29.4.1996 u ta' Joseph Cauchi 24.3.1997, f'paġġ. 86, 90 – 1, 285 – 6, 303 u 315 tal-proċess
[36] Xhieda ta' Charles Calamatta 29.4.1996 f'paġġ. 99 tal-proċess
[37] Relazzjoni f'paġ. 509 tal-proċess
[38] *Ibid.* f'paġ. 516 tal-proċess
[39] Xhieda ta' Charles Calamatta 29.4.1996, Joseph Cauchi 24.3.1997 u Vincent Micallef 10.7.2001, f'paġġ. 85, 289 – 291 u 430 – 1tal-proċess
[40] Xhieda ta' Charles Aquilina 11.3.1996, Joseph Ċilia 29.4.1996, Grezzju Żammit 24.5.1996, Joseph Spagnol 24.5.1996 u Joseph Dalli 24.3.1997 f'paġġ. 40, 69, 120 – 1, 156, 169 u 326 tal-proċess
[41] Xhieda ta' Joseph Carabott 25.10.1996, f'paġ. 221 tal-proċess
[42] Paġ. 536 tal-proċess
[43] Xhieda ta' Charles Calamatta 21.5.1997, f'paġ. 366 tal-proċess

f'dak il-ħin. L-attur ma kienx qiegħed jitlajja' fejn ma messux ikun, imma għall-kuntrarju kien qiegħed jagħmel ix-xogħol li kien tqabbad jagħmel mis-superjur tiegħu. Lanqas ma ntwera li l-attur għamel xi ħaġa li ma messux għamel li biha ipprovoka l-waqgħa tiegħu jew il-tqaċċit tal-*bracket*;

"Illi, fit-tieni lok, il-Qorti m'għandhiex l-għarfien u d-dehen biex tgħid jekk huwiex tassew minnu li kien hemm difett strutturali fil-vireg tal-azzar li minnu kien magħmul il-*bracket* jew jekk MDD kenitx għamlet dak kollu meħtieġ biex tivverifika dik is-saħħa. Lanqas il-perit tekniku maħtur mill-Qorti ma seta' jasal għall-fehma kategorika dwar dan. Iżda jidher li l-attur ma meriex li saru xi testijiet fuq uħud minnhom qabel bdew jintużaw, u lanqas miera l-fatt li s-sistema ta' użu ta' dawk il-*brackets* baqa' jitħaddem mhux biss fuq il-bastiment li fuqu kien qed jaħdem dak inhar meta korra iżda wkoll fuq bastimenti oħrajn għal xi żmien wara dak l-inċident. Mit-testijiet li saru fuq il-*brackets* wara l-inċident, ma ħariġx li l-azzar tagħhom kien dgħajjef mill-istruttura tiegħu jew li ma kienx jiflaħ piż konsistenti. Minbarra dan, hemm xhieda li turi li l-*bracket* partikolari fih sinjali li jixhdu li seħħet xi ħaġa li effettwatu minkejja l-binja tiegħu[44]. Kemm hu hekk, meta l-espert tekniku ġie biex jagħti l-fehmiet tiegħu wara li kien ra b'għajnejh il-*bracket* esebit, kien fuq din l-ipoteżi li mexxa l-istħarriġ tiegħu u t-tliet xenarji li ikkontempla jseddqu din iċ-ċirkostanza, jiġifieri li l-*bracket* kienet suġġetta għal xi "trawma" li effettwat is-saħħa tagħha;

"Illi minn dan kollu, l-Qorti tislet il-fehma li t-tiftix tal-kawża tal-inċident irid imur lil hinn mill-kwestjoni tal-għaqal ta' MDD li tagħżel li tinqeda bis-sistema tal-armar li minn fuqu waqa' l-attur, u kif ukoll mid-determinazzjoni tas-saħħa jew dgħufija tal-materjal użat għall-bini tal-*brackets* in kwestjoni;

"Illi f'dan ir-rigward, il-Qorti hija tal-fehma sħiħa (msejsa fuq provi li wieħed jista' joqgħod fuqhom) li l-*bracket* li tqaċċtet malli rifes fuqha l-attur ġralha hekk minħabba li, qabel dak il-ħin, kienet suġġetta għal xi intervent li dgħajjifha. Il-Qorti tara dan l-intervent fin-nuqqas ta' ħarsien tal-ordnijiet mogħtija dwar il-proċedura tal-armar u ż-żarmar tal-istess qafas ta' *brackets* meta kienet ser tittella' xi pjanċa tal-istiva. Huwa minnu li xi xhud imressaq mill-attur jisħaq li l-*bracket* li waqgħet bl-attur kienet waħda minn dawk li kienu mqabbda mal-parti ġewwiena tal-fdewxa tal-istiva, u li din ma setgħet qatt intlaqtet minn xi pjanċa li ttellgħet tħaxken magħha[45]. Iżda l-Qorti tagħżel li toqgħod fuq xhieda oħrajn (imressqa bħala xhud tal-attur ukoll) li juru, b'fatti, li l-*bracket* kienet turi sinjali

[44] Xhieda ta' Charles Calamatta 29.4.1996, Grezzju Żammit 24.5.1996 u Joseph Cauchi 24.3 1997 f'paġġ. 90 – 1, 142 – 3, 285 – 6 tal-proċess
[45] Xhieda ta' Francis Camilleri 17.6.1996 f'paġ. 198 tal-proċess

ta' daqqa qawwija li għawġitha[46] u barmitha[47] tant li t-tqaċċit fl-azzar tagħha kien jidher frisk[48]. Mit-tiċrita li tidher fuqha l-*bracket*, wieħed jista' jasal għall-fehma li wisq probabbli l-*bracket* ma żżarmatx minn postha meta kien qiegħed isir xogħol ieħor fuq dik il-naħa tal-istiva u meta jirriżulta li kienet ingħatat ordni biex dik il-*bracket* bħall-oħrajn kollha li kienu fuq in-naħa tagħha messhom kienu tneħħew[49];

"Illi jirriżulta li t-tneħħija tal-*brackets* qabel jittella' l-parapett hija responsabbilta' tal-*foreman* jew taċ-*charegman* tax-*shipwrights*[50]. Ħareġ ukoll li l-ordni li jiżżarmaw u jerġgħu jintramaw il-*brackets* kienet ordni ta' proċedura normali kull meta tkun sejra tittella' f'postha pjanċa tal-istiva. Ma kinitx ordni li ngħatat biss fir-rigward tal-parti tax-xogħol fejn kien qed jaħdem l-attur meta korra. Ma kienx possibbli li l-Qorti tisma' x'kellu x'jgħidilha l-imgħallem tal-attur dak inhar li korra – wieħed Anġlu Sciberras – għaliex dan ukoll tilef ħajtu fit-tarzna fit-traġedja tal-*Umm al Faroud* xi żmien wara l-inċident tal-attur u qabel ma seta' jissejjaħ biex jixhed[51]. Jirriżulta, madankollu, li l-*brackets* waħħluhom ix-*shipwrights*[52] u li dak inhar li beda x-xift tal-attur l-armar kien diġa' lest[53]; jirriżulta li l-parapett kellu jittella' qabel ix-xift li kien ser jaħdem fih l-attur u l-gajj tiegħu[54]; u jirriżulta wkoll li kien il-gajj ta' qabel ix-xift li kien jagħmel minnu l-attur li kien messu żarma l-armar u reġa' tellgħu sakemm kien imissu jibda x-xogħol l-attur u sħabu[55];

"Illi ladarba lill-Qorti jirriżultalha li, fi grad ta' prova mistenni f'kawża ċivili, l-*bracket* tqaċċtet għaliex ma tħarsux ordnijiet li ngħataw dwar it-twettiq tax-xogħol, u b'rabta diretta mal-imsemmi nuqqas ta' tħaris ta' dawk l-ordnijiet, u ladarba ma ntweriex sewwa min kien li naqas li jħares l-ordni mogħti, il-Qorti tasal biex tgħid li r-responsabbilta' taqa' fuq MDD, li kienet responsabbli għat-twettiq kif imiss tar-regoli proċedurali ta' kif jitmexxa x-xogħol. In-nuqqas ta' tħaris ta' sistema xieraq ta' superviżjoni dwar regoli magħrufa dwar pratiki meħtieġa għall-armar u ż-żarmar tal-ġnub tal-istivi jikkostitwixxi, fil-fehma tal-Qorti, nuqqas ta' tħaris ta' obbligu ewlieni li kull prinċipal huwa marbut li jwettaq fil-konfront tal-ħaddiema kollha tiegħu[56];

---

[46] Xhieda ta' Charles Calamatta 29.4.1996, f'paġ. 98 tal-proċess
[47] Xhieda ta' Joseph Cachia 24.3.1997, f'paġ. 286 tal-proċess
[48] *Ibid.* f'paġ. 288 tal-proċess
[49] Xhieda ta' Joseph Ċilia 29.4.1996, Charles Calamatta 29.4.1996, Joseph Cauchi 24.3.1997 u Joseph Dalli 24.3.1997, f'paġġ. 78, 97, 301 – 2 u 330 tal-proċess
[50] Xhieda ta' Joseph Carabott 25.10.1996 f'paġ. 228 tal-proċess
[51] Kemm hu hekk, l-attur kien inkludih fost ix-xhieda li kien fi ħsiebu jressaq
[52] Xhieda tal-attur 11.3.1996, f'paġġ. 22 – 3 tal-proċess
[53] Xhieda ta' Grezzju Żammit 24.5.1996, f'paġ. 111 tal-proċess
[54] Xhieda ta' Joseph Carabott 25.10.1996, f'paġ. 226 tal-proċess
[55] Xhieda ta' Grezzju Żammit 24.5.1996, f'paġ. 125 tal-proċess
[56] P.A. NVA **29.5.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Ċini vs George Wells pro et noe*** (konfermata mill-Qorti tal-Appell fil-**15.11.2004**) u P.A. RCP **27.6.2007** fil-kawża fl-ismijiet ***Vincent Galea et vs Sammy Meilak noe et***

"Illi MDD u l-imħarrkin membri tal-Kunsill iressqu eċċezzjoni fis-sens li huma meħlusa minn kull responsabbilta' għaliex, safejn kien jirrigwarda t-twettiq tar-responsabbiltajiet tagħhom, dawn wettquhom kif titlob il-liġi. Iżidu jgħidu li jekk kien hemm ħtija, din irid iwieġeb għaliha personalment min jaħti għal dak in-nuqqas;

"Illi huwa magħruf li f'każijiet mibnija fuq il-ħtija akwiljana, d-difiża tat-terz mhux magħruf ma tgħoddx biex teħles lill-parti mħarrka mill-obbligu li tagħmel tajjeb għall-ħsara li tkun ġrat jekk kemm-il darba jintwera li hemm rabta bejn l-imġarrab u l-għamil (jew omissjoni) tal-parti mħarrka. F'każijiet fejn il-parti mħarrka mixlija b'responsabbilta' tipprova teħles minn dik ix-xilja billi tipponta subgħajha lejn ħaddieħor, il-Qrati ma jħarsux b'wisq favur lejn atteġġament bħal dan. Jekk dik il-parti mħarrka ma tafx min seta' kien tali terz jew jekk, minkejja li kellu ħjiel, naqas li jressqu fil-kawża, m'huwiex xierqa li għal dan il-fatt tbati l-parti attriċi (li, fil-ħsieb tagħha, tkun diġa' indirizzat il-pretensjonijiet tagħha kontra l-parti mħarrka) u jinħeles min kellu parti mill-ħtija[57]. F'każ li jiġri hekk, titħaddem ir-regola li tinsab fl-artikolu 1050 tal-Kodiċi Ċivili. Minbarra dan, billi l-kawża tagħmel stat fir-rigward tal-partijiet li jkunu fiha, l-ebda Qorti ma tista' titfa' ħtija fuq min ma jkunx parti fil-kawża[58]. Għalhekk, safejn il-Qorti tkun soddisfatta li l-parti mħarrka b'xi mod tkun responsabbli għal dak li tixliha bih il-parti attriċi, ma jkunx hemm lok għal aktar spekulazzjoni dwar xi sehem li seta' kellha xi terza persuna li la tissemma b'isimha jew tkun identifikata jew lanqas biss tissejjaħ fil-kawża[59];

"Illi, kemm hu hekk, jinsab stabilit li jekk kemm-il darba f'kawża tinġab prova li kien hemm responsabbilta' ta' terza persuna li m'hijiex fil-kawża flimkien ma' responsabbilta' mal-parti mħarrka, il-konklużjoni ma tkunx li l-parti mħarrka titqies responsabbli f'parti biss, imma titqies responsabbli f'kollox lejn il-parti attriċi bid-dritt ta' din ta' kull jedd ta' azzjoni ta' rivalsa fir-rigward tat-terza persuna jekk ikun il-każ[60]

"Illi f'dan il-każ tal-lum, il-Qorti ssib li kien hemm rabta kawżali bejn il-ħtieġa tar-responsabbilta' ta' MDD li tiżgura li l-ebda ħaddiem mitlub li jagħmel ix-xogħol li kellu jsir ma jinġab f'qagħda li jkorri u l-effett ta' n-nuqqas ta' twettiq ta' dik ir-

[57] App. Ċiv. **9.12.1968** fil-kawża fl-ismijiet ***Victor Camilleri pro et noe vs Nazzareno Cutajar et*** (mhix pubblikata)
[58] P.A. **21.2.1994** fil-kawża fl-ismijiet ***Anthony Fenech noe vs Paul Gauċi*** (mhix pubblikata)
[59] P.A. PS **3.10.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Richard Fenech vs Rook Construction Ltd et***
[60] App. Ċiv. **27.2.2009** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Busuttil vs Angelo Xuereb et***

responsabbilta' billi kien magħruf minn qabel li kien hemm riskju u li dak ir-riskju seta' jkun evitat[61]. Dak l-effett huwa l-korriment li ġarrab l-attur;

"Illi għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti tasal għall-fehma li MDD hija responsabbli għall-inċident mertu tal-każ u trid tagħmel tajjeb għall-ħsara li l-attur seta' ġarrab minħabba fih;

"Illi l-Qorti sejra tistħarreġ il-kwestjoni dwar **jekk l-imħarrkin personalment iġorrux ukoll responsabbilta' għall-inċident**. Id-difiża ewlenija li ressqu l-imħarrkin hija dik li huma, bħala membri tal-Kunsill tat-Tmexxija tat-Tarzna, ma kellhom l-ebda setgħa jew responsabbilta' li jindaħlu fil-mod kif jitwettaq ix-xogħol li jsir kuljum fl-istess tarznari. Min-naħa tiegħu, l-attur jisħaq li l-imħarrkin għandhom iwieġbu direttament għal għal dak li ġaralu;

"Illi l-pożizzjoni tal-imħarrkin hija bl-aktar mod ċar murija fil-kliem tal-President (*Chairman*) tal-istess Kunsill fiż-żmien li ġara l-inċident meta qal li "*Ħa ngħid ħaġa ovvja ħafna, fit-Tarzna xogħol li jsir f'periklu huwa l-ħin kollu u ħa ngħidu hekk f'kull każ li jkun hemm, jiġifieri kuljum preċett mill-ewwel ta' Jannar sa l-aħħar ta' Diċembru, eluf ta' ħaddiema fit-Tarzna jkunu qed jaħdmu f'xi periklu, f'għoli, jew possibiltajiet oħra ta' kondizzjonijiet ta' periklu. Issa ovvjament il-Bord tad-Diretturi, il-Kunsill, lanqas fiżikament ma huwa possibbli għalih illi jikkontrolla jew jorganiżża direttament kull lant ta' xogħol li hemm fit-Tarzna. Dana hemm il-management għalih u jagħmlu huwa. Naturalment, il-Kunsill bħala Bord tad-Diretturi huwa responsabbli pero' li jara li jkollu n-nies kompetenti, kwalifikati fil-qasam tagħhom, illi jara illi jekk ikollu talbiet biex isir ammeljorament jew xi ħaġa jilqagħhom, bħal kull Bord tad-Diretturi oħra, pero' id-day-to-day isir min-naħa tal-management. ... Mhux biss il-Kunsill ma jistax jidħol* (fuq kif jintrama l-armar fuq bastiment partikolari), *imma anke l-Manager ikkonċernat, fuq kull biċċa xogħol, irid jorganiżża partikolari għaliha. Aħna x-xogħol tagħna ma huwiex production line, allura kull biċċa xogħol id-dipartiment ikkonċernat irid jorganiżżaha speċifikament għalih, anke f'dak li huwa safety*"[62]. Imħarrek ieħor ifisser ir-rwol tal-Kunsill f'dawn il-kliem: "*Aħna bħala Kunsill konna 'body' iffurmati bil-liġi u konna nagħmlu l-'policy'. Aħna konna naraw li d-dipartimenti jkunu mmexxijin minn 'managers' li jkunu kompetenti u li jkun hemm l-attrezzi u l-'equipment' biex jaħdmu. Jiena 'day-to-day' jekk ma jkunx hemm 'claim' mill-'manager' aħna ma nidħlux fuq id-'day-to-day management', aħna l-membri tal-Kunsill ma konniex nidħlu fiha. L-istruttura tal-'management'. L-istruttura tal-'management' fid-Dockyard dak iż-żmien kienet, l-ewwel kellek il-*

[61] P.A. LFS **30.1.2008** fil-kawża fl-ismijiet ***John Barbara vs AirMalta p.l.c.***
[62] Xhieda tal-imħarrek Sammy Meilak 20.7.2001, f'paġġ. 437 – 9 tal-proċess

*'general manager' u mbagħad żewġ 'deputy managers', imbagħad kellek il-'hull' u l-'engine' (managers). Taħt dawn jaqgħu l-'various managers' oħrajn. Fil-quċċata kien il-'general manager' responsabbli, mhux il-Kunsill. Il-Kunsill kellu l-kumitati tax-xogħol li kienu f'kull dipartiment. Dawn kienu jiddjalogaw mal-Kunsill fuq il-bżonnijiet, 'safety' u fuq kollox. Kellna anke kumitat ta' 'safety' jirrapportaw lill-Kunsill*"[63]. Din ix-xhieda hija riflessa fil-verżjoni korali mogħtija mill-imħarrkin l-oħrajn kollha[64];

"Illi l-argument tal-attur dwar il-fehma tiegħu li jżomm lill-imħarrkin personalment responsabbli għall-inċident tiegħu jibda sewwa sew minn dan l-ispunt: huwa jgħid li ladarba, fiż-żmien li korra, d-dipartiment tas-sigurta' ma kienx kostitwit, dan ġab lill-Kunsill direttament responsabbli għal kull inċident li seta' ġarrab kull ħaddiem tat-Tarzna. Dan l-argument reġa' ssemma b'qawwa waqt it-trattazzjoni tal-għeluq tal-għaref difensur tal-attur, li stieden lill-Qorti biex tqis dan il-fatt bħala ċirkostanza li ssammar lill-imħarrkin b'risponsabbilta' diretta għal dak li ġralu l-attur[65];

"Illi huwa minnu li jirriżulta li, dak inhar li l-attur korra, id-dipartiment tas-sigurta' ma kellux mexxej, u t-Tarzna kienet titmexxa minn Assistent Safety Officer. Kemm hu hekk, l-imħarrek Joseph Saliba nħatar bħala Safety Officer biss f'Novembru ta' wara li l-attur indarab, u l-ħatra ingħatatlu b'seħħ minn data qabel l-għoti effettiv. Minkejja f'dan, it-taqsima kienet xorta waħda taqdi l-funzjonijiet tagħha fejn jidħlu d-dettalji tal-istħarriġ dwar l-inċidenti li jseħħu u l-ħruġ ta' rapporti ta' l-istess inċidenti. Intwera li bħala dipartiment, fejn kien jirrigwarda strettament il-qadi tal-mansjonijiet tiegħu, id-dipartiment tas-sigurta' fi ħdan it-Tarzna ma waqaf qatt milli jwettaq l-aċċertamenti li kienu jkunu meħtieġa minn żmien għal żmien. Ħareġ ukoll li mhux kull aċċertament li kien isir fuq il-*brackets* u l-armar (partikolarment fejn jidħlu s-saħħa u l-effikaċja tat-tagħmir użat) kien jaqa' fil-kompetenza tal-imsemmi dipartiment, u għalhekk ma jidhirx li jkun xieraq li kull responsabbilta' tintefa' wara bieb dak id-dipartiment, ladarba jirriżulta li kien hemm taqsimiet oħrajn li kienu mqabbda biex jagħmlu huma l-aċċertamenti meħtieġa;

"Illi wara li l-Qorti qieset sewwa u fit-tul dwar din iċ-ċirkostanza, hija tasal għall-fehma li l-imħarrkin personalment ma għandhomx jitqiesu responsabbli għall-inċident tal-attur. Bla ma tilqa' fil-għama l-mantra li l-Kunsill kien jindaħal biss fit-tfassil tal-politika ġenerali tat-tmexxija tat-Tarzna (li, wara kollox ma setgħetx

[63] Xhieda tla-imħarrek Vincent Azzopardi 27.11.2001, f'paġġ. 453 – 4 tal-proċess
[64] Xhieda ta' Lino Gatt 17.6.1996, Freddie Micallef 20.7.2001, Charlie Meilak 20.7.2001, Joseph Saliba 20.7.2001, Gaston Debono Grech 20.7.2001 u Paul Attard 5.6.2002 f'paġġ. 178, 441, 443, 447, 448 u 483 tal-proċess
[65] Paġġ. 571 – 2 tal-proċess

ma tgħoddx fiha wkoll politika maħsuba li tħares kemm jista' jkun is-saħħa tal-ħaddiema tagħha f'ambjent li hija kienet taf li kien miżgħud b'periklu f'periklu), il-Qorti tasal biex taqbel li l-ħarsien tal-ħaddiema f'kull biċċa xogħol li kienet tingħata kienet responsabbilta' tas-superjuri inkarigati mid-dettalji ta' dak ix-xogħol. Din ir-responsabbilta' ma setgħetx tintefa' fuq min ma kienx mistenni li jkun qrib il-lant tax-xogħol jew min ma jkunx direttament involut fil-biċċa tax-xogħol partikolari. Il-Qorti ma taħsibx li l-liġi tagħna trid li twessa' l-firxa tar-responsabbilta' għad-dannu b'mod li jmur lil hinn minn dawk li huma r-rabtiet stretti bejn il-ġrajja li ġġib il-ħsara u l-persuna jew persuni li jkunu marbutin b'mod dirett ma' dik il-ġrajja. Il-Qorti temmen li, tħares minn fejn tħares, l-imħarrkin fil-kwalita' tagħhom ta' membri tal-Kunsill ma jistgħux jitqiesu ħatja ta' dak li ġralu l-attur skond il-liġi;

"Illi, għalhekk, filwaqt li jidhrilha li l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet tal-imħarrkin huma mistħoqqa u sejra teħles lill-imħarrkin membri tal-Kunsill milli jibqgħu fil-kawża, sejra tilqa' l-ewwel talba attriċi safejn din titlob li l-istess imħarrkin qegħdin jitħarrku in rappreżentanza ta' MDD;

"Illi għal dak li jirrigwarda **l-likwidazzjoni tad-danni** li jistħoqqlu jiġbor l-attur, jibda biex jingħad li mill-provi mressqa l-attur m'huwiex qiegħed jitlob kumpens għal infieq magħmul minnu minħabba l-inċident (*damnum emergens*) iżda biss għal telf ta' qligħ li ġarrab sa minn dak inhar tal-inċident u għall-ġejjieni (*lucrum cessans*). F'dan ir-rigward, u kif sejjer jissemma aktar 'l isfel, fis-sewwa wieħed jista' jqis il-pretensjoni tal-attur kemm bħala f'parti minnha talba għal kumpens ta' telf ta' dħul attwali (*damnum emergens*) u f'parti telf ta' qligħ għall-ġejjieni (*lucrum cessans*) u dan skond il-kriterju li l-Qorti sejra tagħżel li tħaddem biex tasal għal likwidazzjoni bħal din;

"Illi jirriżulta wkoll li, sa minn dak inhar tal-inċident u minkejja li kien baqa' ma jidħolx għax-xogħol waqt iż-żmien li kien korrut, ingħata l-paga kollha li kien imissu jaqla'[66]. Minbarra dan, meta deher ċar li l-qagħda ta' saħħet l-attur ma kinitx se' tħallih jersaq aktar lejn il-post tax-xogħol, MDD qatgħetha li tagħtih kontribut ta' pensjoni *ex gratia* (meħuda mill-Fond tal-Pensjonijiet tat-Tarzna) minkejja li hu ma kienx ilu mpjegat magħha għall-għaxar (10) snin li mill-anqas ħaddiem tat-Tarzna ried ikun ilu jaħdem fl-ażjenda biex ikun intitolat għaliha[67]. Il-pensjoni – li l-attur jibqa' jirċeviha tul ħajtu kollha u tissupplimenta dik mogħtija mill-Gvern sa ma tintlaħaq iż-żewġ terzi tal-paga – hija ta' disgħa u sittin euro u tmienja u tmenin ċenteżmi (€ 69.88) kull ġimgħa, jew tliet mija u

[66] Xhieda ta' Alfred Mifsud 12.7.2000, f'paġ. 412 tal-proċess
[67] Xhieda ta' Lawrence Bilocca u Alfred Mifsud 30.1.2002, f'paġġ. 467 u 471 tal-proċess

tnejn u tletin euro u sebgħin ċenteżmi (€ 332.70) kull xahar kalendarju. Kif issemma aktar qabel, f'Diċembru tal-1997, MDD ħallset lill-attur is-somma ta' sbatax-il elf mija u tlieta u ħamsin lira Maltin u sitta u sebgħin ċenteżmu (Lm 17,153.76) taħt l-iskema tal-*Personal Accident*. MDD qieset dan il-ħlas bħala wieħed akkont ta' kull pretensjoni għall-ħlas tad-danni li l-attur seta' kien diġa' ressaq f'din il-kawża;

"Illi għalhekk, il-pretensjoni tal-attur dwar il-likwidazzjoni tad-danni iddur madwar it-telf ta' qligħ għall-ġejjieni. F'dan ir-rigward MDD qanqlet tliet argumenti li stiednet lil din il-Qorti taħseb dwarhom jekk kienet sejra tgħaddi biex tillikwida kumpens lill-attur. L-ewwel waħda hija meta l-Qorti tgħaddi biex tqis l-ammont ta' *lucrum cessans*, hija trid tqis dak it-telf minn dak inhar li tingħata s-sentenza 'l quddiem u mhux minn dak inhar li jkun ġara l-inċident u dan għaliex il-liġi nnifisha tgħid li jmissu jsir hekk. It-tieni waħda hija li l-kumpens li l-parti mġarrba tingħata jrid ikun kumpens ta' telf attwali jew maħsub li jseħħ u mhux kumpens li "jippremja" lill-istess parti mġarrba talli korriet. It-tielet waħda hija li fil-qies tal-kumpens għat-telf fil-ġejjieni, l-Qorti ma tridx tinjora kull kumpens li l-imġarrab ikun ingħata taħt kull forma ta' ħlas b'assikurazzjoni jew pensjoni;

"Illi qabel ma l-Qorti tgħaddi biex tqis dawn it-tliet sottomissjonijiet, jidhrilha xieraq li tgħid li fit-tfassil tal-aċċertament tad-dannu pretiż, hija trid timxi ma' dak li tispeċifika l-liġi. F'dan il-każ, il-kriterji jinsabu fl-artikolu 1045 tal-Kodiċi Ċivili. Fil-każ li għandha quddiemha, tali kumpens irid jitqies fuq it-telf ta' qligħ li l-attur seta' bata diġa' minn dak inhar tal-inċident sal-lum u wkoll dak li se' jkollu jbati 'l quddiem minħabba l-inkapaċita' għal dejjem li huwa ġarrab fl-inċident mertu tal-każ. Il-kliem "inkapaċita' għal dejjem" li ssemmi l-liġi fihom iżjed minn tifsira waħda. Dan għaliex filwaqt li "f'sens mediku tikkomprendi dak id-dannu li għalkemm skaturit minn inċident speċifiku fi żmien partikolari jħalli fuq is-suġġett danneġġjat riperkussjonijiet ta' natura durevoli. F'sens legali, tikkonsisti f'dik il-qagħda fejn id-danneġġjat ma jkomplix jużufruwixxi ruħu kif imiss minn dak il-qligħ li kien jirrejalizza kieku ma kienx għall-event leżiv"[68];

"Illi dwar l-ewwel sottomissjoni ta' MDD, din il-Qorti tifhem li l-effett prattiku ta' tali argument huwa dak li (għall-parti mġarrba) l-ġejjieni jibda minn dak inhar li tingħata s-sentenza u mhux minn dak inhar li jkun seħħ l-inċident. MDD ssejjes dan l-argument fuq il-fatt li, sa dak inhar li tkun ingħatat is-sentenza, l-ħsara mġarrba mill-vittma tkun magħrufa u tista' titqies bħala telf attwali. Huwa biss

[68] P.A. PS **30.1.2008** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Fenech et vs Sammy Meilaq noe et*** (mhix appellata)

minn dak inhar li tingħata s-sentenza li l-element tal-inċertezza tal-ġejjieni jibda jgħodd u, b'konsegwenza ta' hekk, fejn jidħol l-aspett tal-*lucrum cessans*. Effett dirett ta' argument bħal dan ikun li l-kalkolu tat-telf ta' dħul jew qligħ għall-ġejjieni – b'mod partikolari l-*multiplier* – jibda jgħodd min dak inhar tas-sentenza;

"Illi huwa minnu li l-liġi tagħna tagħraf bejn "telf ta' paga jew qligħ ieħor attwali" u "telf ta' qligħ li jbati 'l quddiem". Huwa wkoll minnu li dawn iż-żewġ kategoriji ta' telf huma magħrufa wkoll f'sistemi evoluti ta' likwidazzjoni ta' kumpens għal ħsara li tħalli korriment, u dan meta jiddistingwu bejn "*past pecuniary loss*" u "*future pecuniary loss*". Kemm hu hekk huwa mgħallem li "*Past pecuniary loss comprises special damage and is separately assessed. ... Future loss, on the other hand, comprises part of general damages. It, too, must be separately assessed in order to distinguish it from that part of general damages that bears interest. ... Obviously, damages for future loss bear no interest; on the contrary, their assessment involves a discount for the early receipt of a lump sum representing successive future loss. The real difference between the two major categories of damage is that past loss is certain, or largely certain, whereas future loss is, by its very nature, uncertain*"[69]. Fit-tielet lok, din id-distinzjoni tgħin biex tingħeleb l-anomalija li tista' tinħalaq fejn il-parti mġarrba ddum ma tibda l-proċeduri kontra min ikun ġabilha d-danni jew fejn il-kawża ddum tkarkar sakemm tinqata' b'mod finali;

"Illi l-Qorti tifhem ukoll li l-prattika mħaddma fil-biċċa l-kbira tad-deċiżjonijiet ta' dawn il-Qrati hi li l-kalkolu tal-*lucrum cessans* jittieħed minn dak inhar li jkun seħħ l-inċident, jew minn dak inhar li titressaq il-kawża[70]. Iżda l-Qorti taħseb ukoll li s-sottomissjoni ta' MDD tinbena fuq il-presuppost li t-telf ta' qligħ għall-ġejjieni ma jibdiex iseħħ safejn il-vittma (l-aktar fejn din tkun impjegata mal-persuna li taħti għad-danni) tkun baqgħet titħallas il-paga u xi ħlasijiet oħrajn marbutin mal-impieg tagħha. Jekk dan huwa l-każ, il-Qorti jidhrilha li ma tistax tilqa' s-sottomissjoni ta' MDD. Dan jingħad għaliex, il-kriterju tal-kumpens għal telf ta' qligħ fil-ġejjieni jintrabat sfiq mal-fatt li kull korriment iġib miegħu żvantaġġ li jissarraf f'telf ta' opportunitajiet għall-vittma li, kieku ma kienx għall-inċident, kienet tkun eliġibbli għalihom, imqar jekk wara l-inċident baqgħet tingħata l-paga sħiħa jew saħansitra tjiebu l-kundizzjonijiet tax-xogħol tagħha[71]. Ħaġ'oħra hi li d-danni attwali konsistenti fit-tnaqqis ta' dħul b'effett dirett tal-korriment f'inċident jistgħu jimxu id f'id u kontemporanjament mat-telf ta' qligħ għall-ġejjieni li jkun beda sewwasew minn dak inhar tal-korriment[72]. Huwa

---

[69] Kemp (Ed.) Damages for Personal Injury and Death (3rd. Edit), §§ 3.02 – 3.03, f'paġ. 64
[70] App. Ċiv. **30.11.1964** fil-kawża fl-ismijiet ***Cachia vs Conti et*** (Kollez. Vol: **XLVIII.i.500**)
[71] App. Ċiv. **7.7.1998** fil-kawża fl-ismijiet ***Gatt vs Carbone noe*** (Kollez. Vol: **LXXXII.ii.242**)
[72] P.A. JSP **31.1.1995** fil-kawża fl-ismijiet ***Vincent Cutajar vs Alfred Scicluna*** (mhix pubblikata)

għalhekk li jinsab stabilit ukoll li l-*multiplier* jibda jitqies minn dak inhar tal-inċident kolpuż;

"Illi t-tieni sottomissjoni ta' MDD hija marbuta ma' dik li saret qabilha. F'dan ir-rigward, MDD tistrieħ fuq ir-regola li l-kumpens li jaħseb għalih l-artikolu 1045 huwa dak li ma jagħtix dritt ta' indenniżż għall-inkapaċita' *ut sic*, imma għall-inkapaċita' in kwantu tirrifletti telf ta' qligħ[73]. Dan jingħad b'ħarsien tal-prinċipju li l-għan tal-ħlas ta' kumpens f'azzjoni ta' danni jrid ikun dak li, safejn umanament possibbli, il-parti mġarrba terġa' titqiegħed f'sitwazzjoni daqslikieku ma kien ġralha xejn[74]. MDD tisħaq li l-Qorti jmissha tqis dawn l-aġevolazzjonijiet li hija tat minn rajha lill-attur u li hu ma kienx intitolat għalihom. Hawn hija titkellem dwar l-għoti ta' pensjoni u wkoll dwar it-tnaqqis ta' taxxa u kontribuzzjonijiet ta' sigurta' soċjali;

"Illi f'dan ir-rigward, il-Qorti taqbel mas-sottomissjoni li l-kejl tat-telf imġarrab mill-attur irid isir bi tqabbil ma' dak li kien attwalment jirċievi kieku ma ndarabx. Id-dħul disponibbli tiegħu kien ikun dak id-dħul li jifdallu wara li jitnaqqsu l-kontribuzzjonijiet għas-sigurta' soċjali u t-taxxa tad-dħul. Hekk ukoll jaħsbu l-awturi li wieħed l-aktar joqgħod fuqhom fi ħwejjeġ bħal dawn[75]. Għalhekk, meta l-Qorti sejra tqis il-kumpens, sejra timxi fuq il-qligħ nett;

"Illi, madankollu, l-Qorti ma taqbilx mas-sottomissjoni ta' MDD safejn din tirrigwarda l-ħlas min-naħa tagħha ta' pensjoni "speċjali" lill-attur biex tikumplimenta dik li huwa qiegħed jitħallas mill-Gvern. L-imsemmija awturi, f'dan ir-rigward, jgħallmu li "*No deduction is to be made from the plaintiff's damages in respect of any pension payable to him because of his injuries. It makes no difference whether the pension is payable as of right or is discretionary, nor whether it is contributory or non-contributory. ... A State retirement pension is similarly not to be taken into account. Nor is an ex-gratia pension paid by the plaintiff's employers.*"[76] Din l-aħħar dikjarazzjoni toqgħod sewwa għall-każ li l-Qorti għandha quddiemha llum;

"Illi dwar it-tielet sottomissjoni, MDD tgħid li l-ħlas ta' kumpens mistħoqq lill-attur għandu jitqabbel mat-telf effettiv, b'mod li jekk kemm-il darba l-vittma tkun ingħatat xi kumpens wara l-inċident, dak il-ħlas irid jitnaqqas mill-ammont ta'

[73] App. Ċiv. **5.2.1980** fil-kawża fl-ismijiet ***Vinċenza Vella Dalmas vs John Ghigo et*** (mhix pubblikata)
[74] P.A. PS **3.10.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Anġlu Galea et vs Silvio Piscopo***
[75] Kemp *op. cit.* §§ 3.29 – 3.30, f'paġ. 73
[76] *Ibid.* §§ 3.40 – 3.41, f'paġ. 75

danni likwidat. Din is-sottomissjoni ta' MDD trid titqies b'reqqa. Mhux kull kumpens mogħti, kif rajna, jrid tabilfors jittieħed in konsiderazzjoni meta s-somma ta' danni tkun likwidata. Iżda f'dan il-każ, MDD qiegħda tirreferi għall-ħlas magħmul lill-attur taħt l-iskema tal-*Personal Accident*. Fiċ-ċirkostanzi ta' kif tħallset l-imsemmija somma lill-attur, intuża dan il-kliem: "*Dan il-ħlas qed isir u jiġi aċċettat bla preġudizzju kemm għalija, kemm għal Malta Drydocks, u bla ebda assunzjoni ta' responsabbilta' da parti tal-Malta Drydocks għall-inċident ta' 4 ta' Ottubru, 1993 u/jew għad-danni kaġonati fl-istess inċident. Dan l-ammont huwa għas-saldu tad-dritt tiegħi taħt l-istess skema tal-Personal Accident u jkun akkont ta' kull somma li tista' tiġi likwidata bħala danni biss jekk il-partijiet hekk jaqblu jew jekk l-Awtorita' ġudizzjarja hekk tiddetermina, billi din il-kwistjoni hija kontestata bejn il-partijiet*"[77];

"Illi l-kliem ta' dik id-dikjarazzjoni-riċevuta jeħtieġ li jitqies sewwa għaliex filwaqt li jagħmilha ċara li l-ebda parti ma kienet qiegħda tikkommetti lilha nnifisha dwar il-kwestjoni tar-responsabbilta' għall-inċident, kien hemm stqarrija min-naħa tal-attur li dak il-ħlas kien għas-saldu ta' kull pretensjoni li huwa kellu taħt dik l-iskema, imma kienet tkun akkont biss tal-kumpens li jirriżulta li jistħoqqlu jieħu bis-sentenza tal-lum jekk kemm-il darba l-Qorti hekk tiddeċiedi, ladarba bejn il-partijiet ma hemmx qbil dwar dan. Kemm hu hekk, sal-waqt tat-trattazzjoni tal-għeluq, l-avukati tal-partijiet kienu għadhom iressqu argumenti opposti dwar jekk dik is-somma mħallsa għandhiex titqies minn din il-Qorti;

"Illi l-Qorti taf li l-ħlas ta' somma bħal dik mhux dejjem tqies bħala ħlas akkont tas-somma tad-danni meta l-Qrati ġew biex jillikwidaw il-kumpens xieraq. MDD tirreferi għal żewġ każijiet fejn ħlas bħal dan ittieħed in konsiderazzjoni fil-likwidazzjoni finali[78]. Fil-fehma tal-Qorti, għalkemm il-prinċipju huwa li ħlasijiet magħmulin taħt polza ta' assikurazzjoni ma jitqisux għall-finijiet ta' likwidazzjoni ta' kumpens[79], f'dan il-każ hemm aspetti partikolari li ma jistgħux ma jissemmewx. Il-polza ta' assikurazzjoni hija favur MDD u hija l-benefiċjarja tagħha u l-impjegati ma jikkontribwux għaliha bħalma jagħmlu fil-każ tal-iskema tal-pensjoni. Tiddependi minn każijiet fejn impjegati tagħha jindarbu waqt ix-xogħol. Il-ħlasijiet li hija tagħmel huma diskrezzjonarji u mhux obbligatorji. Fuq kollox, fil-każ tal-attur, is-somma mħallsa titqies fuq id-dħul tal-impjegat konċernat[80]. Fil-ġabra ta' dawn iċ-ċirkostanzi kollha, l-Qorti tasal għall-fehma li l-ħlas ta' dik is-somma lill-attur trid tittieħed b'qies meta ssir il-likwidazzjoni finali tal-kumpens mistħoqq;

---

[77] Dok "AM", f'paġ. 411 tal-proċess

[78] P.A. DS **25.1.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Mario Gatt vs Sammy Meilaq noe*** u P.A. PS **9.12.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Francis Busuttil vs Sammy Meliaq noe***

[79] Ara ***Bradburn vs Great Western Railway Co*** **[1874]** (LR 10 Exch 1)

[80] Xhieda ta' Lawrence Bilocca 30.1.2002, f'paġġ. 467 – 8 tal-proċess

"Illi għalhekk, il-Qorti sejra tilqa' s-sottomissjoni ta' MDD f'dan ir-rigward;

"Illi dak inhar li seħħ l-inċident, l-attur kellu sitta u tletin (36) sena. Dak iż-żmien kellu paga bażika ta' Lm 54.98[81] kull ġimgħa, b' mod li huwa qala' Lm3490.08[82] nett f'dik is-sena[83]. Dan l-ammont kien jgħodd fih ħlas ta' sahra (Lm 923.95), *allowances* (Lm 641.87), bonus (Lm 116) u *allowance* ta' kull ġimgħa (Lm 78) u tnaqqis ta' kontribuzzjonijiet ta' sigurta' soċjali (Lm 251.28), fond tal-pensjoni (Lm 45.22,3) u D.E.P.F. (Lm 31.36,9). Saż-żmien meta ntemm l-impieg tiegħu f'Jannar tal-1996, l-attur kien intitolat għal paga bażika ta' Lm 75.81[84] kull ġimgħa, iżda d-dħul nett tiegħu fl-aħħar sena sħiħa li kien dam impjegat ma' MDD (jiġifieri fl-1995) kien niżel għal Lm 2,742.11[85] minħabba li tul dik is-sena ma kien għamel l-ebda xogħol b'sahra u lanqas ingħata *allowances*. Fl-2002, il-paga bażika ta' *stager slinger intermediate* ma' MDD kienet ta' Lm 98.20 kull ġimgħa[86];

"Illi dan ifisser li minn dak inhar li seħħ l-inċident sa dak inhar li l-impieg tal-attur intemm, jiġi li tilef dħul nett ta' erbat elef mija u erbgħa u ħamsin euro u ħamsin ċenteżmi (€ 4,154.50). Din is-somma tieħu qies taż-żidiet fil-paga għaż-żmien relattiv, u wkoll tat-telf ta' xogħol b'sahra u ħlas ta' *allowances*, u kontribuzzjonijiet ta' sigurta' soċjali u ħlas ta' taxxa tad-dħul;

"Illi l-Qorti tqis li din is-somma għandha tillikwidaha bħala telf attwali tad-dħul għall-finijiet tad-*damnum emergens* kif imfisser aktar qabel bħala "*past pecuniary loss*";

"Illi meta wieħed iqis iż-żieda fattwali fil-paga ta' ħaddiem li jagħmel xogħol bħall-attur (*stager slinger*) bejn dak inhar li korra u disa' snin wara (2002), wieħed jirrejalzza li l-paga bażika żdiedet bi kważi disgħa u sebgħin fil-mija (79%), jew kważi disgħa fil-mija (9%) kull sena[87]. Dan iwassal lill-Qorti biex tiffissa l-multiplikand – li huwa mfisser bħala "*the plaintiff's loss of earnings or expenses at the date of the trial*" – fis-somma ta' disat elef u mija u għoxrin euro (€ 9,120);

[81] Li jġibu € 128.07 fi flus tal-lum
[82] Li jġibu € 8,129.70 fi flus tal-lum
[83] Dok « AM2 », f'paġ. 462 tal-proċess
[84] Li jġibu € 176.60 fi flus tal-lum
[85] Dok "AM2", f'paġ. 464 tal-proċess (li jġibu € 6,387.40 fi flus tal-lum)
[86] Dok "FF", f'paġ. 478 tal-proċess
[87] (Lm 98.20 – Lm 54.98)/ Lm 54.98 = 0.786

"Illi b'riżultat tal-ġrieħi li ġarrab fl-inċident, l-attur ġarrab debilita' estensiva. L-ewwel perit mediku, wasal għall-fehma li l-attur ġarrab debilita' ta' ħamsa u disgħin fil-mija (95%). Dik is-sejba wasal għaliha f'Lulju tal-1997[88], jiġifieri qrib erba' snin wara l-inċident. Il-periti mediċi addizzjonali maħturin wara talba mill-imħarrkin, waslu għall-fehma li d-debilita' mġarrba mill-attur hija ta' mija fil-mija (100%)[89]. Din il-fehma waslu għaliha f'Marzu tal-1999, jiġifieri ħames snin u nofs wara l-inċident;

"Illi l-Qorti hija tal-fehma li jmissha toqgħod fuq il-konklużjonijiet tal-periti addizzjonali, għaliex għalkemm l-attur ma mietx b'kawża tal-inċident, il-ħsarat li ġarrab minħabba f'hekk ħallewh m'huwa tajjeb għal xejn għax-xogħol u għal kollox dipendenti fuq ħaddieħor. Il-fehma tal-periti addizzjonali maħturin mill-Qorti hija wkoll waħda oġġettiva li tgħarbel il-qagħda tal-attur u l-kundizzjoni tiegħu bħala riżultat tal-inċident mertu tal-każ, filwaqt li jidher li tieħu qies ta' ċirkostanzi mediċi aġġornati li ma kinux għadhom magħrufa mill-ewwel perit mediku meta eżamina lill-attur. Il-Qorti tirrileva li MDD ma għaddiet l-ebda kumment dwar din l-evalwazzjoni peritali;

"Illi dwar l-għadd ta' snin li l-Qorti għandha tadotta minħabba t-telf ta' dħul għall-ġejjieni, marbuta mal-fattur ta' kemm kellu żmien l-attur dak inhar tal-inċident, il-Qorti sejra tadotta *multiplier* ta' ħmistax-il (15) sena. F'dan il-każ, hija qiegħda żżomm quddiem għajnejha wkoll il-fatt li, sewwasew fiż-żmien li l-kawża kienet qiegħda għat-trattazzjoni tal-għeluq, MDD kienet għaddejja minn taqlib strutturali qawwi li wassal għall-għeluq tagħha u l-għoti tas-sensja lill-ħaddiema kollha tagħha. Il-Qorti tqis li din iċ-ċirkostanza kienet tolqot lill-attur ukoll kieku ma korriex u kieku baqa' fl-impieg ma' MDD sal-aħħar, u għalhekk tħoss li fost iċ-"*chances and changes*" li wieħed normalment iqis meta jiġi biex ikejjel il-*multiplier*, din hija ċirkostanza li m'hijiex traskurabbli xejn[90];

"Illi llum huwa aċċettat li l-kriterju ta' kif wieħed iqis il-kejl tal-*multiplier* huwa wieħed li jagħti diskrezzjoni lill-ġudikant, li huwa mistenni li jqis u jiżen iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ fid-dawl ta' twettiq ta' eżerċizzju li jagħti kumpens b'ħaqq u mhux b'xi mantra matematika[91];

---

[88] Relazzjoni f'paġġ. 374 – 6 tal-proċess
[89] Relazzjoni Addizjonali, f'paġġ. 397 – 8 tal-proċess
[90] App. Ċiv. **3.12.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Darren Sammut vs Eric Żammit***
[91] P.A. JZM **13.7.2010** fil-kawża fl-ismijiet ***Jeffrey Caruana vs Carmel Montesin*** (appellata)

"Illi għal dak li jirrigwarda t-tnaqqis li s-soltu jsir mis-somma likwidata għaliex ikun se' jsir ħlas f'daqqa. Huwa stabilit li f'każ ta' tnaqqis minħabba l-ħlas f'daqqa (dak li jissejjaħ "*lump sum payment*") ż-żmien jibda jitqies minn meta tinfetaħ il-kawża u mhux minn dak inhar tal-inċident[92]. F'dan il-każ, iżda, l-Qorti ma jidhrilhiex li huwa xieraq li jsir tnaqqis għaliex it-tul li ħadet il-kawża biex tasal għall-għeluq tagħha ma jaħtix għalih l-attur[93], iżda nħalaq l-aktar miż-żmien li ttieħed sabiex tkun determinata l-kwestjoni teknika marbuta ma' x'wassal biex il-*bracket* titqaċċat u biex tressqu s-sottomissjonijiet dwar tali kostatazzjoni;

"Illi fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet kollha, l-Qorti tasal biex tillikwida d-danni li jmissu jitħallas l-attur bħala telf ta' qligħ għall-ġejjieni (*lucrum cessans*) fis-somma ta' mija u sitta u tletin elf u tmin mitt euro (€ 136,800)[94], li minnhom, kif ingħad, trid titnaqqas is-somma li l-attur tħallas akkont f'Diċembru tal-1997;

"Illi għalhekk, it-tieni u t-tielet talbiet attriċi sejrin jintlaqgħu ukoll u għall-istess raġunijiet il-Qorti m'hijiex sejra tilqa' t-tielet eċċezzjoni ta' MDD għaliex m'hijiex mistħoqqa;"

Rat il-verbal tas-seduta tat-8 ta' April 2014 li permezz tieghu l-kawza thalliet ghas-sentenza wara li l-Avukati tal-partijiet trattaw l-appell;

Ikkunsidrat:

**AGGRAVJI TAL-ATTUR APPELLANT**

---

92 App. Ċiv. **27.2.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Annunzjata Caruana vs Odette Camilleri***
93 P.A. TM **7.7.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Yvonne Cassone pro et noe vs Alfred Calamatta et noe***
94 € 9,120 x 15 x 1.0 = € 136,800

L-attur appella dwar il-quantum tad-danni li gie akkordat mill-Ewwel Qorti. Bazikament jghid li l-Qorti ma kellhiex tadotta l-hekk imsejjah *multiplier* ta' 15-il sena izda ta' aktar (donnu jaccenna li ghandha tkun 25 sena) peress li l-attur kellu 36 sena meta sehh l-incident li wassal biex huwa jkun ghal kollox dizabbli biex jahdem aktar.

Peress li l-korporazzjoni konvenuta qed tappella anke dwar ir-responsabilita` o meno taghha ghall-incident, ikun ghaqli fil-fehma tal-Qorti li jigi l-ewwel investigat dan l-ilment u dan ghal ragunijiet cari.

**AGGRAVJI TAL-KORPORAZZJONI KONVENUTA**

Il-korporazzjoni appellanti ressqet zewg aggravji. Qed tappella kemm dwar ir-responosbilita` ghall-incident u kemm dwar id-danni akkordati mill-ewwel Qorti; naturalment fil-kaz tal-ahhar qed tghid li d-danni jekk jigu akkordati, ghandhom ikunu inqas minn dawk likwidati mill-ewwel Qorti.

**L-ewwel aggravju – responsabilita` ghall-incident.**

Ghandu jinghad mill-ewwel li ghal dak li huwa apprezzament tal-fatti, din il-Qorti tal-Appell fil-kawza fl-ismijiet **Phyliss Ebejer v. Joseph Aquilina** (10 ta' Jannar 1995) qalet li *"il-Qorti tal-Appell tiddisturba biss id-diskrezzjoni*

*ezercitata mill-Ewwel Qorti f'kazijiet eccezzjonali meta si tratta ta' valutazzjoni ta' fatti."* Imbaghad fil-kawza fl-ismijiet **Joseph Cini v. George Wells** (15 ta' Novembru 2004) l-istess Qorti qalet li *"Huwa principju bazilari segwit minn din il-Qorti ta' revizjoni li fejn si tratta ta' apprezzament u evalwazzjoni ta' provi ta' fatt din il-Qorti qatt ma tiddisturba leggerment apprezzament tal-provi li jkun sar mill-ewwel Qorti sakemm ma jkunx hemm ragunijiet gravi u serji bizzejjed li jissugerixxu mod iehor."*

Din il-Qorti pero`, f'kaz bhal dak in ezami, tapprezza li d-dover taghha xorta huwa li tezamina sewwa l-provi imressqa u, barra minn hekk, huwa ukoll importanti li l-istess provi u l-konkluzjonijiet ta' kif gara l-incident in kwistjoni jigu evalwati sewwa u interpretati skond il-ligijiet taghna u l-gurisprudenza l-aktar ricenti u kostanti fil-materja.

Din il-Qorti ma ghandha ebda dubju li l-ewwel Qorti kienet korretta u gusta fl-evalwazzjoni tal-provi u waslet ghall-konkluzjoni wkoll korretta u gusta. Jirrizulta infatti minghajr ombra ta' dubju li l-incident sehh minhabba li tqacctet il-*bracket* li kienet qed izzomm l-istruttura li fuqha tela' jahdem l-attur. Il-mod kif spjegat l-ewwel Qorti li gara l-incident u r-ragunamenti taghha biex wassluha ghad-decizjoni taghha fir-rigward huma fil-fehma ta' din il-Qorti ineccepibbli u ma hemmx x'wiehed izid maghhom. Dwar dan allura l-Qorti taghmel riferenza ghal dak li qalet il-Qorti minn pagna 14 sa pagna 16 tas-

sentenza appellata, fejn il-Qorti l-ewwel spjegat kif gara l-incident u wara qalet li peress li l-korporazzjoni appellata ippontat subghajha lejn terzi ghall-akkadut, ghamlitha cara li *“ebda Qorti ma tista’ titfa htija fuq min ma jkunx parti fil-kawza.”* (**Fenech vs Gauci**, Prim’Awla, 21 ta’ Frar 1994). Indubbjament ukoll li l-ewwel Qorti kienet assolutament korretta meta qalet illi *“kien hemm rabta kawzali bejn il-htiega tar-responsabilita` tal-konvenuta li tizgura li ebda haddiem mitlub li jaghmel ix-xoghol li kellu jsir ma jingab f’qaghda li jkorri u l-effett tan-nuqqas ta’ twettieq ta’ dik ir-responsabilita` billi kien maghruf minn qabel li kien hemm riskju u li dak ir-riskju seta jkun evitat.”*

Il-Prim’Awla tal-Qorti Civili fil-kawza fl-ismijiet **Danastasi v. Enemalta Corporation** deciza fit-28 ta’ Gunju 2005 kienet qalet:

> “Illum it-tendenza ricenti tas-Qrati taghna, issa imsahha ukoll minn legislazzjoni iktar moderna u konsonanti maz-zmienijiet hija li hemm kwazi presunzjoni illi incident industrijali jigri ghax ma kienx hemm a safe system of work.”

Ghal korrettezza ghandu jinghad li f’sentenzi sussegwenti l-Qorti tal-Appell ma qablitx ezattament mal-ideja li f’kazi bhal dawn hemm ‘kwazi presunzjoni’ kif imsemmi.

Kif ukoll qalet l-istess Qorti (Prim’Awla) fil-kawza fl-ismijiet **Kevin Mallia v. Alf Mizzi and Sons Limited** deciza fid-9 ta’ Ottubru 2003 *“min ihaddem ghandhu d-dover li jipprovdi post tax-xoghol li ma jkunx ta’ perikolu u riskju ghas-sahha*

*tal-istess haddiem (ara **Bugeja v. Falzon** deciza minn din il-Qorti fit-30 ta' April 1997 u **Desira v. Grech and Co. Ltd** deciza fit-30 ta' Mejju 2002).*

Sentenzi ohra tal-istess opinjoni huma **Galea v. Balzan** Qorti tal-Appell 26 ta' Frar 1993 u **Agius v. Galea** Qorti tal-Kummerc 11 ta' Lulju 1989). Sentenza ricenti **Grezzju Scicluna v. C. Cini and Sons Ltd - 27 ta' Gunju 2006 – Cit 348/02 TM**) iccitat l-awtur **Whincup** fil-ktieb **Modern Employment Law** li jelenka erba' principji bazici f'kazi simili u cioe`:

*"i. the employer must ensure that the employee knows the dangers*

*"ii. the employer must ensure that the employee knows the precautions to be taken against these dangers*

*"iii. the employer must ensure that the precautions are available*

*"iv. the employer must ensure that the employee knows these precautions are available*

F'dan il-kaz, huwa car illi ma tirrizulta ebda htija kontributorja da parti tal-attur u ghalhekk din il-Qorti taqbel li l-korporazzjoni konvenuta kienet responsabbli ghall-incident u allura ghad-danni konsegwenzjali.

**It-tieni aggravju**

Dan l-aggravju u dak tal-attur appellant jintralcjaw ma’ xulxin; l-attur appellant qed jitlob li d-danni jigu awmentati filwaqt li l-korporazzjoni titlob li dawn ghandhom jonqsu.

Kif gia` ssemma l-ewwel Qorti hadet konjizzjoni tal-fatt li t-Tarzna kienet ghaddejja minn zminijiet difficli li kellhom iwasslu ghall-gheluq taghha, u dan kemm fiz-zmien li gara l-incident, izda aktar u aktar meta giet deciza l-kawza. Kien ghalhekk li adottat *multiplier* ta’ hmistax-il sena minflok is-soliti termini li jwasslu sakemm id-danneggjat jasal ghall-eta` tal-penzjoni.

Naturalment kif spiss qalu l-Qrati taghna:

> *“Il-Qorti trid .. taghmilha cara illi f’ kazi bhal dawn ma tesisti l-ebda formula magika specjalment meta l-akkadut ikollu konsegwenzi fatali.”*

**(Turner v. Agius, Qorti tal-Appell 28 ta’ Novembru 2003)**

F’dan il-kaz, ghalkemm l-incident ma kienx fatali, kellu l-konsegwenza ferm sfortunata li l-attur safa dizabili ghal kwalunkwe xoghol.

Qabel xejn il-Qorti taqbel mal-fatt li kif ghamlet l-ewwel Qorti, id-danni *(lucrum cessans)* ghandhom ikunu bbazati fuq is-somma ta’ disat elef, mija u ghoxrin Euro (€9,120) ghaliex dak huwa *“plaintiff’s loss of earnings or expenses at the date of the trial”* kif jghid l-awtur **Kemp** (citat mill-ewwel Qorti) skont kif irrizulta mill-atti tal-kawza. Jirrizulta infatti mill-istess atti illi s-salarju tal-attur baqa’ jizdied b’cirka 9 fil-mija matul is-snin – ghalhekk sewwa ghamlet l-ewwel Qorti meta applikat din iz-zieda fuq is-salarju tal-attur meta sehh l-incident fl-1995.

Fejn din il-Qorti ma taqbilx mal-ewwel Qorti hija dwar il-*multiplier* gia` msemmi. Ma hemm ebda raguni fil-fehma ta’ din il-Qorti ghaliex dan ma ghandux ikun bhalma sar f’diversi sentenzi ohra u cioe` li jigi applikat *multiplier* skont kemm wiehed jistenna li d-danneggjat seta’ jahdem fil-futur kieku ma jkunx sofra d-dizabilita` minhabba l-incident. Il-fatt li l-post tax-xoghol tal-attur kien previst li se jaghlaq il-bibien ma ghandux ikun ta’ rilevanza f’kazijiet bhal dawn ghaliex l-attur seta’ eventwalment sab xoghol iehor – haga li sfortunatament ma setax jaghmel minhabba d-disabilita` illi sofra.

F’kaz bhal dan fejn l-attur appellant kellu 36 meta gara l-incident, din il-Qorti jidrilha li l-*multiplier* kellu jkun 20 sena, tenut kont tat-tip ta’ xoghol li kien jaghmel l-attur appellant. Dan ghaliex kif gie spjegat diversi drabi, il-Qorti meta tigi biex tiddeciedi kawza simili, qatt ma tista’ tipprevedi tibdil fic-cirkostanzi tal-

hajja tal-persuna imwegga'. Dan huwa rifless f'diversi sentenzi ta' din il-Qorti whud minnhom riportati fis-sentenza **Brian Micallef v. Brian Tyre Services Limited** deciza fil-31 ta' Jannar 2014 minn din il-Qorti, fejn l-attur kellu 23 sena meta sehh l-incident u l-Qorti applikat *multiplier* ta' 35 sena. Kif tghid l-awtrici **Vivienne Harpwood (Modern Tort Law")** (ediz. 2009, pagna 438):

> "*Deductions may also be made by adjusting the multiplier downwards to allow for certain future contingencies. In an attempt to assess the appropriate sum which should be awarded for loss of future earnings, the courts gaze into the imaginary crystal ball, and try to make the award in the light of what might have been the claimant's future."*

Dawn il-hsibijiet huma riflessi anke f'sentenzi ta' din il-Qorti bhal **Gauci v. Bugeja (29 ta' Novembru 2009)** u **Caruana v. Camilleri (27 ta' Frar 2004)** u **Attard v. D'Amato (22 ta' Ottubru 2002).** Fl-ewwel sentenza imsemmija intqal infatti illi *"id-danni ghandhom jigu akkordati biex jirriflettu l-bilanc li ghandu jintlahaq bejn id-dritt tad-danneggjat u l-obligu tal-dannegjant. Tenut kont ta' dan isegwi illi l-working life expectancy ma ghandu qatt jigi, kif qatt ma gie konsiderat kollu ghall-fini tal-multiplier."*

Stabbilit dan, allura din il-Qorti se tillikiwda d-danni ghas-somma ta' disat elef, mija u ghoxrin Euro (€9,120) multiplikata b'ghoxrin (20) li jwasslu ghal mija, tnejn u tmenin elf, u erba' mitt Euro (€182,400) li minnhom ghandha titnaqqas is-somma ta' disgha u tletin elf, disa' mija u sebgha u hamsin Euro u hamsin

centezmi (€39,957.50) li kienet inghatat lill-appellant bhala hlas akkont f’Dicembru tal-1997. Jirrizulta wkoll li l-appellant beda jippercepixxi penzjoni ta’ tletin Lira Maltija (Lm30) fil-gimgha sakemm ikun eligibbli ghall-penzjoni taz-zewg terzi. Din inghatat lilu a kawza tal-incident u allura din il-Qorti taqbel mal-korporazzjoni (u mhux mal-ewwel Qorti f’dan ir-rigward) illi din is-somma ghal perjodu ta’ 20 sena (ammontanti ghal sittax-il elf, seba’ mija sitta u sebghin Euro [€16,776]) ghandha wkoll titnaqqas mis-somma li se tillikwida din il-Qorti u dan iwassal ghas-somma finali ta’ mija, hamsa u ghoxrin elf, sitt mija sitta u sebghin Euro u hamsin centezmi (€125,676.50).

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tiddisponi mill-appell principali billi tilqghu u tillikwida d-danni fis-somma ta’ mija u hamsa u ghoxrin elf, sitt mija, sitta u sebghin Euro u hamsin centezmi (€125,676.50) minflok dik likwidata fis-sentenza appellata u kwindi tikkundanna lill-korporazzjoni konvenuta biex thallas din is-somma lill-attur appellant, bl-imghaxijiet jibdew jiddekorru mid-data tas-sentenza appellata - mill-bqija tikkonferma l-istess sentenza; tichad l-appell incidentali.

L-ispejjez tal-appell u l-appell incidentali ghandhom ukoll jithallsu mis-korporazzjoni appellanti.

# < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------